**27 ta' April, 1965.**

**Imħallef:**

**Onor. Dr. Edoardo Magri LL.D.**

Mary armla Stockley

*versus*

Rosario Cini

**Rendikont — Amministratur — Art. 389, 390, 392 Kod. Proċ. Ċiv.**

*L-azzjoni tar-rendikont tista' tiġi istitwita mingħajr ma jkun fil-kawża l-interessati kollha.*

*Ir-rendikont għandu jiġi preżentat bid-dokumenti li jiġġustifikawh u għandu jkun fih tifsira ċara tal-ħwejjeġ li tagħhom għandu jingħata l-kont, tal-partiti tad-dħul, il-partiti tan-nefqa u l-bilanċ li għad irid jidħol u l-ħwejjeġ li għandhom jittieħdu lura u fl-aħħarnett il-kont għandu jagħlaq b'riassunt.*

*Però, din il-forma fir-rendikont mhijiex indispensabbli speċjalment jekk fil-kontenut tar-rendikont ikun hemm biżżejjed biex wieħed jista' jaqbad l-istat ta' l-affarijiet.*

*Jekk rendikont ma jkunx fil-forma preskritta mill-liġi, l-interessat jista' jinpunjah u ma jistax jitlob lill-amministratur biex jirrendi kont ġdid.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi — premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; peress illi l-konvenut, wieħed mill-komproprjetarji, qiegħed jamministra beni, li tagħhom flimkien ma' oħrajn l-attriċi hija wkoll komproprjetarja; peress illi għalkemm mitlub biex jagħti rendikont ġust u fidil ta' l-amministrazzjoni tiegħu tal-beni in komproprjetà b'ittra uffiċjali tal-15 ta' Frar, 1963, il-konvenut sal-lum naqas milli jagħmel dan — talbet illi jiġi prefiss żmien minn din il-Qorti lill-konvenut biex jagħti kont ġust u fidil ta' l-amministrazzjoni tiegħu tal-beni in komproprjetà bejnu, l-attriċi u oħrajn, u fil-każ li jonqos fiż-żmien hekk lilu prefiss l-attriċi tiġi awtorizzata tiffissa s-somma lilha spettanti mill-istess amministrazzjoni bil-ġurament tagħha; bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra tal-15 ta' Frar, 1963;

OMISSIS;

Ikkunsidrat:

Li l-azzjoni odjerna hija dik tar-rendikont li l-konvenut ġie mitlub jagħti dwar l-amministrazzjoni tal-beni komuni li hija limitata għall-uniku post li kien baqa' indiviż bejn il-kontendenti u konsorti oħra, wara li saret il-qasma tal-wirt bejn il-komproprjetarji kollha, li skond ix-xhieda tal-konvenut kienu ħdax minn nies.

Li m'hemm xejn fil-liġi li l-attriċi hija prekluża li tistitwixxi azzjoni simili, mingħajr ma jkunu fil-kawża l-interes-

sati kollha (Koll. Vol. XXX, ii, 222) u għalhekk għandu jiġi eżaminat u deċiż il-punt in kontestazzjoni, jekk ċjoè l-azzjoni proposta mill-attriċi hijiex sostenibbli, in vista tar-rendikont lilha mibgħut mill-konvenut fil-15 ta' Novembru, 1962 (fol: 7).

Li m'hemmx kwistjoni li dana r-rendikont ippervjena lill-attriċi qabel ma ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni odjerna. Infatti, l-attriċi in kontroeżami xehdet; "Jiena kont irċevejt ittra l-ewwel waħda mingħand Dr. T. Fenech u mbagħad wara irċevejt oħrajn ukoll; l-ittri jinsabu għand l-avukat tiegħu" (fol: 16).

Li għalhekk tibqa' l-kwistjoni jekk dana r-rendikont kienx magħmul bil-forma li trid il-liġi.

Li l-attriċi kellha d-dritt li titlob ir-rendikont, għaliex l-amministrazzjoni miżmuma mill-konvenut hija ekwiparata għall-mandat, u skond l-art. 1977 tal-Kodiċi Ċivili, il-mandatarju, meta ma jkunx espressament meħlus mill-mandant, għandu jagħti kont lil dan ta' dak kollu li jkun għamel u ta' dak kollu li jkun irċeva bis-saħħa tal-mandat... (Koll. XXIX, ii, 666).

Li dina l-Qorti hija tal-fehma li r-rendikont mibgħut mill-konvenut ġja fuq riferit għalkemm ma fihx id-dokumenti ġustifikativi, però fih l-elementi kollha li trid il-liġi biex l-attriċi, jekk riedet, setgħet tapprovah jew timpunjah.

Li huwa minnu li skond l-art. 389 tal-Proċedura Ċivili, kull min hu obligat li jagħti kont għandu jippresentah bid-dokumenti li jiġġustifikawh; u l-art. ta' wara (390) jgħid li l-kont għandu jkun fih tifsira ċara tal-ħwejjeġ li tagħhom għandu jingħata l-kont tal-partiti tad-dħul, il-partiti tan-nefqa, u l-bilanċ li għad irid jidħol, u l-ħwejjeġ li għandhom jittieħdu

lura; u fl-aħħarnett il-kont għandu jagħlaq b'riassunt.

Li l-prospett esibit mill-konvenut, trattandosi ta' amministrazzjoni hekk minuta u limitata, kellu jkun neċessarjament sommarju, però fih l-elementi kollha li trid il-liġi, ċjoè il-partiti ta' l-introjtu u dawk ta' l-esitu, kif ukoll l-ispejjeż li saru. Jonqsu fih id-dokumenti ġustifikativi, ċjoè, xi riċevuti li ġew prodotti aktar tard mill-konvenut u jinsabu illum fil-proċess.

Li ma jirriżultax li l-konvenut żamm xi kotba ta' dina l-amministrazzjoni u għalhekk kif irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet "Giuseppe Bianchi vs. Emanuele Zerafa" deċiża fl-14 ta' Mejju, 1948, "taħt iċ-ċirkostanzi, il-konvenut kont aħjar minn dak esibit ma setax jagħmel" (Koll. XXXIII, i, 665).

Li mbagħad, f'materja ta' rendikont illum, il-Qrati tagħna llargeġġjaw dwar il-forma li dana għandu jirrivesti, u rritenew li l-prova imposta mill-artikoli fuq ċitati "non è di rigore, e la parte cui si rende il conto non può ricusare di discuterlo nella forma in cui è stato compilato dall'altra parte" (Koll. XVII, iii, 49; XXXIII, ii, 416; App. Demarco vs. Demarco, deċiż fit-22 ta' Frar, 1963); u dana jingħad "a fortiori" meta fil-forma u fil-kontenut tiegħu jkun hemm biżżejjed biex tista' taqbad l-istat ta' l-affarijiet li wieħed hu obligat jirrendi kont tagħhom (Koll. XXIX, i, 1453);

Li b'dawna l-prinċipji l-Qrati tagħna ma riedux, b'ebda mod jesimu minn kull sanzjoni kull min huwa tenut jirrendi-kont skond il-liġi, però kienu dejjem tal-fehma li: "tale sanzione non sta nell' obbligare e constringere l'amministratore a rendere un nuovo conto ma sta tutta nel diritto introdotto dalla legge a favore dell'interessato di agire coll'impugnatura del conto colle procedure stabbilite dalle leggi." (Koll. XXVIII, ii, 313).

Ikkunsidrat:

Li l-anqas ma jista' jingħad, kif aċċenna l-avukat ta' l-attriċi fit-trattazzjoni, li l-kont mogħti mill-konvenut ma jkoprix iż-żmien kollu ta' l-amministrazzjoni sal-ġurnata li fiha ġiet preżentata ċ-ċitazzjoni.

Li dina l-osservazzjoni ma tidhirx fondata, għaliex il-konvenut irrenda kont għal sitt snin; jiġifieri, sa' l-aħħar ta' Diċembru, 1962; l-attriċi ppreżentat il-kawża odjerna fl-20 ta' Lulju, 1963, mingħajr ma qanqlet fl-intervall ebda impunjativa tal-kont bil-forma indikata fl-art. 392 tal-Proċedura Ċivili.

Li ġeneralment, il-kont jingħata kull sena, meta lill-amministratur ma jiġix impost terminu aqsar, u għalhekk il-konvenut meta rċeva ċ-ċitazzjoni għadu ma kienx obligat jirrendi l-kont tas-sena 1963, li kienet għadha "in corso".

Għal dawna l-motivi:

Tiddeċiedi billi tiċħad it-talbiet ta' l-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha.